NEWSPAPER POST

KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

# L-ANZJANI LLUM

Nru. 96

Ottubru - Diċembru 2019

## IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JIFRAĦ LILL-ANZJANI KOLLHA MALTIN U GĦAWDXIN FL-OKKAŻJONI TAL-JUM INTERNAZZJONALI TAL-ANZJANI L-1 TA' OTTUBRU 2019



## Seduta Parlamentari: SOLIDARJETÁ BEJN IL-ĠENERAZZJONIJIET

**Nhar it-Tnejn 7 ta'Ottubru**, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani (KNA) flimkien mal-Kunsill Nazzjonali Żgħażagħ (KNŻ) se jagħmlu Seduta Parlamentari bit-titlu :

**SOLDARJETÁ BEJN IL-ĠENERAZZJONIJIET**

Din għandha tkun seduta parlamentari interessanti ħafna fejn il-kelliema li se jieħdu sehem huma mistennija juru li ż-żewġ ġenerazzjonijiet għalkemm hemm differenza kbira bejniethom f'dik li hi eta', huma kumplimentari għal xulxin. It-Temi ewlenin tal-Aġenda huma: (a) Ħajja Attiva, (b) Għejxien Xieraq, (ċ) Solitudini u (d) Teknoloġija fil-Ħajja tal-Lum u ta' Għada.

Se jieħdu sehem diversi persuni mill-għaqdiet tal-anzjani u taż-żgħażagh, numru ta' esperti fis-suġġett u membri parlamentari miż-żewġ naħat tal-Kamra. Is-Sessjoni se tkun bejn l-10.00 u nofsinhar u se tiġi trasmessa diretta fuq iċ-Channel tal-Parlament.

Din l-attivitá qed issir bil-koperazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għal-Persuni b'Diżabilita u Anzjanita Attiva kif ukoll tal-uffiċċju tal-Onor. Mr Speaker. Il-pubbliku, speċjalment l-għaqdiet tal-anzjani u taż-żgħażagħ huwa mħeġġeġ biex isegwi l-informazzjoni li se toħroġ fil-futur qarib.

Nazju Abela
PRO

# Stqarrija mis-Segretarjat Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva: Kummissarju Ġdid tal-Anzjani

Reference Number: PR191684, Press Release Issue Date: Jul 31, 2019



Is-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva Anthony Agius Decelis ħabbar li Dr Mary Vella ser tkun qiegħda tokkupa r-rwol ta' Kummissarju tal-Anzjani.

Filwaqt li rringrazzja lil Kummissarju Helen Mallia tad-dedikazzjoni tagħha f'dan l-Uffiċju fiż-żmien preċedenti, is-Segretarju Parlamentari Agius Decelis tkellem dwar ir-rwol importanti tal-Kummissarju tal-Anzjani sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tal-anzjani f'pajjiżna, u sabiex ikollna mekkaniżmu li jżomm lill-imsieħba soċjali kollha kontabbli fir-rispett lejn il-madwar 105,000 anzjan li jgħixu fil-komunità u fid-djar residenzjali.

Is-Segretarju Parlamentari spjega li l-anzjani, "kollha għandhom bżonnijiet simili kif ukoll differrenti. Il-preżenza tal-Kummissarju żgur li se ttejjeb il-kwalità tal-ħajja tagħhom, speċjalment għal dawk l-anzjani vulnerabbli li ghandhom bżonn persuna li tieħu ħsieb li d-drittijiet taghhom huma siguri". Kien għalhekk illi lura fl-2016 ġie stabbilit dan l-Uffiċċju permezz ta' Kapitolu 553 tal-liġijiet ta' Malta.

Ir-rwol tal-Kummissarju tal-Anzjani huwa wieħed awtonomu mill-ħidma tal-Gvern, għaldaqstant il-ħatra ta' Dr Vella bħala Kummissarju sar bi qbil unanimu mill-Parlament ta' Malta.

Fl-ewwel diskors tagħha pubbliku bħala Kummissarju tal-Anzjani, Dr. Vella stqarret illi l-prijoritajiet tagħha għal Kummissjoni, fit-terminu ta' tliet snin, se jkunu li jinħoloq iżjed għarfien fuq id-drittijiet tal-anzjani u dwar is-solitudni; biex tonqos id-diskriminazzjoni fuq l-età u jiġi promoss ir-rispett mill-membri kollha tas-socjetà lejn l-anzjani, u li taħdem sabiex ikun hemm introjtu sigur għal nies akbar fl-età biex iħossuhom siguri finanzjarjament.

Is-Segretarju Parlamentari Agius Deceli awgura l-ħidma t-tajba lil Dr. Vella.

## LAQGĦAT TA' KORTEŻIJI

Fix-Xuhur ta' bejn Lulju u Settembru, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani għamel diversi laqgħat ta' Konnoxxenza kif ukoll laqgħat oħra fosthom:



**Fl-1 ta' Lulju, mal-Onor. Dott. Michael Falzon LLD, MP, Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali**



**Fit-23 ta' Lulju, mal-Kummissarju għall-Anzjani – Dr. Mary Vella MD**



**Fl-1 t'Awwissu, mal-Onor. Dott. Maria Deguara, MD, MP - Kelliema tal-Oppożizzjoni dwar Anzjanità Attiva, il-Persuni b'Diżabilità u l-Ġlieda kontra d-Dipendenzi u l-Vizzji**

Dawn il-laqgħat kienu kollha kordjali ħafna, fejn ġew diskussi diversi suġġetti li għandhom x'jaqsmu mall-anzjani, fosthom tkellmu fuq ix-xogħol għal-pensjonanti, il-pensjonijiet, abbużi fuq l-anzjani, fuq l-assigurazzjoni tas-safar minnħabba l-età, id-Djar Residenzjali tal-Anzjani u s-solitudni.

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**


**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Anthony Mulè Stagno,
Mary Farrugia, Nazju Abela,
Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Anthony Mulè Stagno

**Viċi President:**
Peter Paul Bonnici

**Segretarju:**
Anthony Deguara

**Ass. Segretarja:**
Doris Aquilina

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Dr. Anthony De Giovanni

**U.R.P.:**
Nazju Abela

**Membri:**
John Barbara
Mary Farrugia
Alfred Mallia
Frank Mumford
Carmelo Sammut
Lino Debono (Co-Opted)


**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00


KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860, 27 350271**
**E-mail: kna@onvol.net**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**


## EDITORJAL



# Ħbieb Anzjani Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Dan is-sajf morna cruise. Meta wasalna t-terminal, ħelsuna mill-bagalji u qalulna li dawk insibuhom fil-kabina imma, xħin morna fil-kabina, waħda mill-bagalji ma kinitx hemm - il-bagalja tal-ħwejjeġ tiegħi. Aċċertawna li xi bagalji kienu għadhom qed jitqassmu u li l-bagalja tagħna (il-bagalja tiegħi!) tasal aktar tard. Issuġġerewlna li mmorru nieklu xi ħaġa u qalulna li l-probabbiltà kienet li, meta niġu lura mill-ikel, il-bagalja tkun hemm. U hekk għamilna imma, għalkemm ħadna four-course lunch waqt li qgħadna nitpaxxew bid-dehra maestuża tal-Port il-Kbir tagħna, meta morna lura fil-kabina, din l-imbierka ta' bagalja kienet għadha ma waslitx. Insistejt li jeħtieġ li tfittex tasal għax, fil-ħamsa konna se nsalpaw u jekk din il-bagalja tibqa' Malta, il-mara setgħet tbiddel ħwejjeġ kemm tixtieq qalbha imma jien ta' fuqi senduqi. Fl-aħħar, wara li hedditthom li nikkanċella l-cruise, il-bagalja waslet. Qalu li, bi żball, marret fid-deck ta' fuq fejn konna qegħdin aħna.

Waħda mill-attivitajiet obbligatorji li ssir qabel il-vapur isalpa huwa s-safety drill. Dan mhu xejn ħlief tagħrif siewi dwar proċeduri ta' sigurtà li għandhom jiġu segwiti jekk tindaqq is-sirena f'każ ta' emerġenza - x'għandek tagħmel, fejn għandek tmur, kif tilbes il-*life jacket*, eċċ. Kienu ilhom ma nafx kemm jgħidulna, jgħarrfuna, jiktbulna, jinfurmawna u javżawna li dan id-drill se jsir fl-erbgħa ta' waranofsinhar. Minkejja dan, ngħidilkom li, f'dik il-kalma tas-serħan il-moħħ ta' *mock exercise*, biex inġbarna kollha u għamilna drill li m'għandux jieħu aktar minn għaxar minuti, domna kważi siegħa. Immaġinaw x'jiġri fil-paniku ta' sitwazzjoni ta' emerġenza reali! Mhux jilħaq jegħreq il-vapur! Anki l-iceberg tilħaq iddub!

Meta nitkellmu fuq cruise, ma nistgħux ma nsemmux l-ikel? Fil-fatt, fil-fehma tiegħi, cruise huwa festa tal-ikel. Jekk trid, tista' tieħu *buffet breakfast*, *buffet lunch* u *buffet dinner*. U, bejniethom, għandek it-te, il-kafè, xi snack, frott u ġelati, li ma tmurx taqa' fl-anemija u teħel il-kumpanija tal-vapuri! Il-problema tirrisolvi ruħha jekk hux se jerġa' jaqbdek l-aptit f'nofsinhar wara li tkun ħadt *breakfast* gargantwan u jekk hux se jaqbdek il-ġuħ għall-ħin tad-dinner wara xi *four-course lunch*. Hawn min jgħidlek li bilfors tiekol għax b'xejn. Min jgħid hekk għandu żball għax xejn mhu b'xejn u għax dak tkun diġà ħallast għalih. U, għax tkun ħallast għalih, ma tkunx trid tħallihulhom hemm. Mela; għal wiċċhom! U, allura, tispiċċa tiekol aktar milli jmissek imbagħad wara noqogħdu ftit lura! Tgħid mhux hekk?

Għandek ukoll l-*entertainment* flimkien mal-faċilitajiet l-oħrajn kollha offruti abbord biex il-mistednin ma jdejqux qalbhom waqt li jkunu jbaħħru minn Barċellona għal Cannes u minn Cannes għal Civitavecchia. Ippruvajt il-*jacuzzi* li jikkonsisti f'banju bl-ilma ħiereġ bis-saħħa minn ġettijiet apposta intenzjonat biex jimmassaġġjalek ġismek; qisek qed tinħasel ġo *washing machine* jew f'*dishwasher*. Ngħidilkom is-sewwa, ma tantx għoġobni għax l-ilma kważi jagħli u kont diġà se nqum u kollox imma żewġ tfajliet bil-bikini jgħumu flimkien miegħi fl-istess tank ta' mhux iktar minn ħames piedi dijametru ma ħallewnix nitlaq. U domt kwarta biss naqla' ġo fija minn dawk il-ġettijiet tal-ilma għax jgħidulek biex ma tagħmilx aktar minn daqshekk għax, flok ta' ġid, jista' jservi ta' dannu. Naf biss li għamilt lejl sħiħ nitriegħed sakemm erġajt ġejt f'tiegħi!

Ma' kull *pool* ikun hemm *lifeguard*, għal li jista' jkun; ġuvni b'kappell tat-tibna f'rasu minħabba x-xemx u b'life *jacket* f'idu għal li jista' jinqala'. Issa biex jegħreq xi ħadd fi ftit iktar minn metru ilma, f'pool mhux wisq ikbar mid-doppju tal-kamra tas-sodda tiegħi, qalb dawk in-nies kollha, irid ikun tassew tuba jew beżżul mill-kbar. Imma xogħol il-*lifeguard* huwa li joqgħod għal siegħat twal iħares ċass lejn pool fejn qatt ma jiġri xejn interessanti. Min jaf dak il-povru *lifeguard* kemm jitlob li, kultant, ikun se jegħreq xi ħadd; forsi niksru ftit il-monotonija? Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# Il-Parir tal-Beatu Michał Sopoćko dwar ix-Xjuħija

**Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap**



Bħalma ħafna jafu, Dun Michał Sopoćko ma kien ħadd għajr il-konfessur u d-direttur spiritwali ta' Santa Fawstina. Fil-fatt, kif jirrakkonta d-djarju li kitbet Santa Fawstina taħt l-ubbidjenza minn Ġesù nnifsu u bl-approvazzjoni tad-diretturi spiritwali tagħha, Dun Michał Sopoćko u l-Ġiżwita Patri Józef Andrasz, naraw kemm il-Beatu Sopoćko kien tabilħaqq involut fil-misteru tar-rivelazzjonijiet ta' Ġesù Ħanin. Il-Mulej fdalu f'idejh ir-rwol tabilħaqq importanti li jwettaq il-missjoni mogħtija lil Swor Fawstina. U l-Beatu Sopoćko, ubbidjenti għall-aħħar għal din il-missjoni hekk kbira, iddedika kważi ħajtu kollha għal dan ix-xogħol tassew fejjiedi. Fid-djarju li kiteb il-Beatu Michał insibu riflessjoni mill-isbaħ dwar x'inhi x-xjuħija. Din il-kwotazzjoni tgħid hekk:

'Ix-xjuħija għandha tiġi meqjusa bħala sejħa għal aktar imħabba lejn il-Mulej u lejn il-proxxmu. Il-Mulej għandu pjanijiet ġodda għall-anzjani, pjanijiet li jiżviluppa lill-bniedem billi jurih, wiċċ imbwiċċ, il-ħajja interjuri tiegħu. L-unika azzjoni effettiva li aħna kapaċi għaliha huwa t-talb. F'dik il-passività attiva, kollox ikun qed jitħejja, kollox ikun qed jiġi deċiż u kollox ikun qed jiġi maħdum. Is-sema tkun qed titlob lill-Missierna.'

X'biċċa għerf fiha ħbieb din ir-riflessjoni! Fil-fatt, fiha jeżistu għadd ta' punti li, fuqhom, wieħed jista' jimraħ fuq li jimraħ! L-ewwel nett, għall-Beatu Sopoćko, ix-xjuħija hija sejħa. Mela mhux xi diżgrazzja! Lanqas telfa! Le! Hija sejħa! U sejħa mill-Mulej; sejħa ta' Dak Alla li hu l-Ħajja fih innifsu! Issa, din is-sejħa, bħal kull sejħa oħra, għandha missjoni. U x'inhi din il-missjoni? Xejn għajr li tagħti 'aktar imħabba lejn il-Mulej u l-proxxmu', jgħidilna Sopoćko. Mela fi ftit kliem, ix-xjuħija hi t-temmija tal-ogħla u l-aqwa kmandament li jagħtina Ġesù nnifsu meta jgħidilna: 'Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b€qalbek kollha, b€ruħek kollha u b€moħħok kollu.' Dan hu l-kmandament il-kbir u l-ewwel wieħed. U t-tieni jixbhu: 'Ħobb lil għajrek bħalek innifsek'. Dawn iż-żewġ kmandamenti huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti.

Imma dan il-pjan kif se jikkonkrettizza ruħu fix-xjuħija? Kif se jitlaħħam mar-rejaltà li l-anzjani mhux dejjem ikunu jifilħu jwettqu ċertu xogħol minħabba l-kundizzjoni ta' saħħithom? Il-Beatu Sopoćko ma joqgħodx jomgħodha. Jgħidilna li l-Mulej 'għandu pjanijiet ġodda għall-anzjani.' U l-pjanijiet li għandu għalihom huma tal-iprem kwalità! Dan għax irid jiżviluppahom billi jurihom lilu innifsu! F'kelma waħda, billi jurihom 'il-misteri tas-Saltna tas-Smewwiet.' Għax il-Mulej irid jidħol f'relazzjoni intima magħhom.

Għalhekk, il-Beatu Sopoćko jagħmel eżattament dak li għamel San Franġisk innifsu billi jqis it-talb bħala l-aqwa forma ta' azzjoni mill-aktar effettiva. Għal Sopoćko, huwa meta r-ruħ tingħaqad ħaġa waħda mal-Mulej li, bil-qawwa tal-grazzja tiegħu, tista' twettaq l-aqwa xogħol li tista' tagħmel, dak li titlob. Personalment, jolqotni ħafna kif il-Beatu Sopoćko jiddeskrivi t-talb meta jsejjaħlu *attività passiva*. Il-frażi nnifisha tidher kontradittorja. Għax, minn naħa 'l waħda, hemm passività filwaqt li, minn naħa l-oħra, hemm attività. Għalkemm iż-żewġ kelmiet jidhru opposti għal xulxin, it-tnejn li huma jaħdmu id f'id. Iva! It-talb hu passiv għax min jitlob ma jagħmel xejn għajr li jitlob u l-kelma finali ma tkunx tiegħu imma tal-Mulej. Biss, min jitlob ikun attiv għax, bħal dawk li ħadu n-nies għand Ġesù biex ifejjaqhom, min jitlob jieħu għand il-Mulej Ġesù ruxxmata nies u sitwazzjonijiet. Mela, l-azzjoni tiegħu hija, tabilħaqq, mill-aktar attiva u effettiva!

Barra minn hekk, skont il-fehma tal-Beatu Sopoćko, min jitlob ikun qed jipparteċipa fid-*decision-making* li jseħħ fis-Sema għax huwa jkun parti mit-*team* tas-Sema! Għalhekk, l-anzjani li jitolbu jkunu qed jikkontribwixxu bil-kbir għall-akbar pjan li qatt jista' jseħħ fid-dinja tagħna, liema pjan insibuh imnaqqax fit-talba tal-Missierna stess: 'Tiġi Saltnatek!'

Għeżież anzjani, intom imsejħin biex tagħmlu l-akbar biċċa xogħol li qatt tistgħu tagħmlu; dik li titolbu! Mela, komplu itolbu! Komplu għidu r-Rużarju, komplu lissnu l-Kurunella tal-Ħniena Divina, isimgħu dik il-quddiesa u komplu għidu dak it-talb kollu li soltu titolbu. It-talb qatt mhu għalxejn! Ibqgħu iggranfati mal-Kuruna tar-Rużarju. Komplu żebbġu u la tiqfux għax talbkom huwa tassew mitqlu deheb! Iva, b'talbkom l-affarijiet jistgħu jinbidlu!

X'parir sabiħ jagħtina, ħbieb, il-Beatu Michal Sopoćko dwar kif ngħixu x-xjuħija tagħna b'mod għaqli u effettiv!

# Santa Tereza ta' Kalkutta

**jikteb Fr Charles Buttigieg**

Kulħadd għadu jiftakar dawk l-immaġni sbieħ ta' Madre Tereża ta' Kalkutta tgħin lill-fqar u lill-batuti. Kulħadd nistgħu ngħidu baqa' impressjonat b'xi ritratt ta' din is-soru ferm ċkejkna imma b'qalb tassew kbira, titma' lil xi tarbija tibki bil-ġuħ. Proprju kienet ingħatat dan it-titlu 'matern' bħala 'Madre' għax kienet tassew omm għal eluf ta' tfal orfni u mwarrba, neqsin mill-imħabba tal-familja. Kien għalhekk ukoll li, ftit iktar minn sitt snin minn mewtha, hija kienet iddikkjarata Beata mill-Papa qaddis Ġwanni Pawlu II nhar id-19 ta' Ottubru 2003. Kien nhar is-17 ta' Diċembru 2015 li l-Papa Franġisku ħabbar li din il-beata kellha ssir qaddisa f'Settembru 2016, fis-Sena tal-Ġublew il-Kbir tal-Ħniena. Il-miraklu meħtieġ mill-Knisja kien ikkonfermat meta raġel mill-Brażil fid-djoċesi ta' Santos ġie mfejjaq bl-interċessjoni tagħha minn tumur avvanzat f'moħħu. Il-kanonizzazzjoni saret il-Ħadd l-4 ta' Settembru 2016 meta gie ċċelebrat il-ġublew tal-voluntiera tal-ħniena. Il-festa tagħha hija fil-5 ta' Settembru.



Madre Tereża, li kien jisimha Anjeze Gonxhe Bojaxhiu, twieldet minn ġenituri Albaniżi Kosovari ġewwa Skopje fil-Maċedonja tal-lum, nhar is-26 ta' Awwissu tal-1910. Missierha kien jismu Nikolle minn Priznen fil-Kosovo u ommha Dranafile, kunjomha xebba kien Bernai, minn Gjakova. Marret għall-ewwel darba ġewwa l-Indja biex tgħallem fl-1929. Mill-1928 sal-1948 kienet soru ta' Loreto tal-Irlanda. Bħala soru, għażlet l-isem ta' Tereża, għal Santa Tereża ta' Lisieux, patruna tal-missjunarji. Nhar l-10 ta' Settembru tal-1946, fl-eta' ta' 36 sena, waqt vjaġġ bil-ferrovija minn Kalkutta għal Darjeeling, qrib il-Himalayas, hija ġiet ispirata minn Kristu biex 'tagħmel xi ħaġa sabiħa għal Alla' billi tgħin lill-ifqar fost il-fqar tal-Indja. Hija waqqfet il-Kongregazzjoni tal-Missjunarji tal-Karità, kemm is-sezzjoni femminili kif ukoll dik maskili. Illum, din il-kongregazzjoni hija mxerrda f'133 pajjiż fid-dinja fejn insibu 700 dar ta' din il-qaddisa, 450 saċerdot u 5000 soru. F'din il-missjoni, hija fetħet djar u sptarijiet biex tgħin lit-tfal, lill-orfni, lill-foqra, lill-batuti u lill-morda li jiġu minn reliġjonijiet differenti.

Fl-1979, Mother Tereża, kif kienet magħrufa, rebħet il-Premju Nobel għall-Paċi. Bl-eżempju tagħha, ikkonvertiet wieħed mill-aqwa ġurnalisti Ingliżi, Malcolm Muggeridge, li tgħammed ta' tmenin sena. Dan il-ġurnalist kien ħadem dokumentarju dwar il-missjoni tagħha fl-Indja fl-1969 bl-isem ta' *Something beautiful for God*. Fl-1982, fi żmien il-gwerra tal-Libanu, hija salvat 37 tifel u tifla maqbudin fi sptar ġewwa Bejrut waqt li, fl-istess sena, għamlet konferenza fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku ġewwa Milan. Fl-1989, Mother Tereża, flimkien mas-sorijiet tagħha, marret l-Armenja biex tgħin u tagħti l-għajnuna lil dawk kollha milquta minn terremot qawwi. Hija sofriet żewġ attakki f'qalbha u saħħitha bdiet sejra lura imma qatt ma qatgħet qalbha fil-missjoni tagħha mal-fqar. Mother Tereża mietet ġewwa Kalkutta fl-Indja fil-5 ta' Settembru tal-1997 fl-età ta' 87 sena.

## Krib

**POEŻIJA ta'**
**Anthony Borg**
**22-11-1990**



Niftakrek,
Tittallab, titkarrab
Għal dawk l-imsejkna tfal.
Niftakrek,
Għajjenin u mdemmgħin kienu għajnejk
Iżebbgħu 'l hawn u 'l hinn
Għal dawk it-tfal abbandunati.
Niftakrek,
Tiġi għand missieri
U hu jaqgħtik lot żraben għat-tfal.
U dlonk ittir kull dieqa;
Tinsa kull tbatija.
Niftakrek,
Tinħasad, titbikkem
Xħin tisma' bil-mewt ta' missieri.
Iżda zijuhi jsabbrek, ifarrġek:
"Flok żraben, issa jkollok ħwejjeġ.
Għada ejja għandi!"

# Il-Fratellanzi f'Malta

## kitba ta' Peter Paul Ciantar



Dan l-aħħar jidher li, f'pajjiżna, qed jerġa' jqum l-interess fil-fratellanzi. Jiena wieħed li nammira ħafna l-fratellanza tal-Karmnu taż-Żurrieq li, anki fil-ġurnata tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu f'dan il-lokal, tkun numeruża sewwa u dan minkejja li tkun dik is-sħana kbira ta' Lulju. Hawn insemmu li l-aktar fratellanza antika f'Malta hija dik ta' San Ġużepp fir-Rabat. Dawn il-fratellanzi verament iżejnu l-purċissjonijiet f'pajjiżna. Id-dehra tagħhom b'dik il-muzzetta fuqhom li l-lewn tagħha jvarja minn fratellanza għall-oħra jagħtu dehra kkulurita lil purċissjonijiet tagħna, l-aktar dawk fl-irħula antiki.

F'Malta, issib numru sabiħ ta' fratellanzi. Barra li jagħtu xhieda tat-twemmin tagħhom, dawn il-fratellanzi jkunu wkoll qed juru kemm misserijietna għarfu jgħaqqdu flimkien il-ħidma tal-ġisem mal-ġid tar-ruħ.

Fl-imgħoddi, il-fratellanzi, jew konfraternitajiet, ma kienu xejn għajr xirkiet ta' nies tas-snajja. Dawn kienu jħarsu l-ħidma u l-jeddijiet tal-membri tagħhom. F'kelma waħda, kienu bħal għaqdiet tal-ħaddiema jew aħjar it-*trade unions* tal-lum. Fost il-ħaddiema li kellhom il-fratellanza tagħhom insibu l-ħaddiema tad-deheb u l-fidda, il-ħaddieda, il-ħajjata, l-iskrapan u l-mastrudaxxi. L-aktar ħaġa importanti għall-imseħbin tal-fratellanzi kien li jħarsu d-dmirijiet tagħhom bħala nsara tabilħaqq. Is-sehem tagħhom fil-purċissjonijiet kien wieħed mid-dmirijiet ewlenin.



Il-mexxejja ta' dawn il-fratellanzi jissejħu Prokuraturi. Dawn kienu jkunu aktarx qassisin li kienu jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet spiritwali tal-imseħbin. Il-ħwejjeg li kellhom x'jaqsmu mal-ħidma u s-sengħa tal-ħaddiema kienu fi ħsieb u r-risponsabbilita' ta' dak li jissejjaħ ir-Rettur. Ir-Rettur kien bniedem importanti tant li kien ikollu s-siġġu tiegħu fil-Kunsilli tal-Poplu. Fil-fatt, dawn il-fratellanzi kienu magħrufin kemm mill-Knisja kif ukoll mill-Gvern. Huma kienu jgawdu wkoll ċerti privileġġi ċivili.

Minn naħa l-oħra, fost il-fratelli mseħbin, kienet issaltan għaqda sħiħa u, għaldaqstant, il-fratellanzi kienu qawwa li kellhom leħen f'ħafna mill-ħidmiet li kienu jsiru f'dik li hija t-tmexxija tal-pajjiż. Huma kisbu d-drittijiet li dejjem xtaqu li jkollhom. Minħabba dan, ix-xogħol tagħhom beda jsir aħjar, kienu jsibu iktar min jista' jgħinhom fil-ħtiġijiet tagħhom u kellhom ukoll min iħarishom mill-qerq. M'għandniex xi ngħidu, il-ħlas tagħhom beda jsir ukoll aktar xieraq.

Il-ħidma tal-fratellanzi kienet imqassma kif ġej. Il-fratelli kienu jħallsu xi ħaġa tal-flus kull sena għall-ħtiġijiet tagħhom. Minn żmien għal żmien, kienu jiltaqgħu u, matul il-laqgħat, kienu jitkellmu dwar ħwejjeġ li jolqtu s-sena tagħhom u jieħdu deċiżjonijiet li jorbtu lil kulħadd. Huma kellhom ukoll id-dmir li jgħinu lil sħabhom li jkunu jeħtieġu l-għajnuna, l-aktar waqt il-mard u l-imwiet. Kienu jaraw ukoll li kulħadd jagħmel ix-xogħol tiegħu bir-reqqa biex il-parruċċani ma joħorgux jilmentaw.

Dawn kienu fost id-dmirijiet li kellhom bħala ċittadini. Bħala xirka reliġjuża, kull fratellanza kellha tieħu ħsieb ukoll li tħares xi dmirijiet oħra fosthom li kellha taħseb biex tagħżel artal fil-knisja fejn titwaqqaf il-fratellanza. Dan l-artal kien ikun iddedikat lil qaddis li l-fratellanza taħtar bħala patrun tagħha. Dan il-qaddis l-aktar li jintgħażel kien minħabba li, f'ħajtu, kellu xi rabta mas-sengħa tagħhom.

Il-fratellanza kienet tieħu ħsieb ukoll biex tagħmel festa mill-aħjar lill-qaddis tagħha. Dakinhar tal-festa, l-imseħbin tal-fratellanza kienu jieqfu mix-xogħol biex jiċċelebraw il-festa kif jixraq. Kull fratellanza kellha wkoll id-dmir li tagħżel lewn għall-istandard tagħha li joħroġ fil-purċissjonijiet. Dan il-lewn kien jingħażel ukoll għall-muzzetta li l-imseħbin jilbsu fuq il-konfratija.

Insemmu wkoll li l-fratelli kellhom jieħdu sehem fil-purċisjonijijiet li jsiru fil-parroċċi tagħhom u jimxu wara l-istandard u s-salib b'żewġ lanterni. Is-sehem fil-purċissjonijiet ukoll kien meqjus bħala wieħed mid-dmirijiet ewlenin.

Bħala ħidma ta' karità, il-fratelli kellhom id-dmir li l-imseħbin tagħhom iżuru l-morda, l-anzjani, l-iltiema u l-ħabsin. Kellhom jieħdu ħsieb ukoll li jakkumpanjaw fil-funerali ta' sħabhom u jagħmlu quddies għal ruħhom. Barra minn hekk, kellhom jagħmlu għemejjel oħra ta' ħniena ma' nies oħrajn li ma kienux imseħbin magħhom. Din kienet ir-rabta mal-fratellanzi f'Malta tal-imgħoddi.

# Karattri u tifkiriet ta' Victor Rizzo minn Raħal Ġdid li joqgħod in-Naxxar

**Daħla**
Dawn il-ftit tifkiriet u ħsibijiet joħduni lura lejn tfuliti u kkommettejthom fuq il-karta biex nerġa' nagħti l-ħajja lil karattri li għexu tassew u li, ħafna minnhom, kont spiss narahom fi tfuliti. Ħafna minn dawn in-nies kienu jgħixu fis-snin sittin fi Triq Santa Monika, u fl-inħawi tagħha, ir-Raħal Ġdid. B'li qed nikteb ma rrid inweġġa' lil ħadd. Irrid biss inbattal il-garigor ta' tifkiriet u ħsibijiet minn moħħi. Lil dawn in-nies nixtieq nerġa' nagħtihom il-ħajja. Irrid inwassalhom lilkom kif kont narahom, kif kont nosservahom, kif kont inħosshom jien meta kont żgħir. Irrid niftaħ tieqa żgħira u nistieden lill-qarrej biex, flimkien miegħi, jagħti titwila lejn il-mod kif kienet il-ħajja fis-sittinijiet; għall-inqas, kif kont naraha jien minn nuċċali ta' tifel ta' ftit snin.

Il-karattri msemmijin f'dawn ir-rakkonti m'għandhom l-ebda preferenza. Qegħdin jidhru biss hekk kif qed ingibhom quddiem għajnejja jterrqu fi Triq Santa Monika u fl-inħawi tal-madwar. Kull rakkont huwa minnu.

**Servizzi fi Triq Santa Monika**
Wieħed mis-servizzi ewlenin tat-triq kien il-ġbir taż-żibel. Ngħid is-sew, dan kien iħawwadni dak iż-żmien għax kien fih element ta' ġbir klandestin. Ħalli nispjega aħjar. Ommi kienet toħroġ il-barmil kmieni filgħodu; għall-ħabta tal-ħamsa u nofs. Fil-verità, jien qatt ma rajtha għax kont inkun għadni rieqed. Imma ċert li hekk kien. Kienu jgħaddu kemm tfal kif ukoll ġuvnotti li kienu jiġbru ż-żibel bil-għan li fih isibu xi ikel tajjeb għall-annimali bħal, ngħidu aħna, xi ħobż xott. Tant hu hekk li l-ħobż xott li kien ikollha ommi kienet tagħmilhulhom fil-wiċċ tal-landa jew barmil, dak iż-żmien. Dawn iż-żgħażagħ kien ikollhom xkora li kienu jġorruha fuq spallejhom u kienu jbattlu l-laned taż-żibel fiha. Jekk jaraw xi pulizija, kienu jagħmlu kulma jistgħu biex jippruvaw jevitawh għax dan il-ġbir ma kienx permess. F'xi kantuniera, kien ikollhom xi vann ipparkjat, jgħabbu fih u jmorru jfittxu banda oħra. Tista' tgħid li, iktar tard matul il-jum, meta kien jgħaddi t-truck taż-żibel proprju (dak iż-żmien, ma konniex ngħidu skart, kif nagħmlu llum) ibqa' ċert li, quddiem il-bieb tagħna, ma kien isib xejn x'jiġbor, għax ikunu laħqu ħaduh.

Servizz ieħor kmieni filgħodu kien dak tal-ħobż. Dak iż-żmien li qed ngħid jien, il-ħobż kien għadu bir-*ration* imma, billi konna ħafna tfal, ommi dejjem kienet tixtri aktar mill-kwota tar-*ration*. Naturalment, il-ħobż 'il fuq mill-kwota kien jinxtara bi prezz daqsxejn iktar għoli. Mhux l-ewwel darba li ommi kienet tixtri wkoll għal xi ġirien u tpoġġi l-ħobża ġo basket imħolli apposta marbut mal-pum tal-bieb tad-dar ta' dik li tkun xtratilha l-ħobż. Niftakar li kellna ħobż tassew tajjeb u, għall-iskola, dejjem kont nieħu ħobż frisk tal-ġurnata. Qiegħed ngħid hekk għax, meta ġieli naqasna l-ħobż u konna nixtru mingħand bejjiegħ ieħor li kien jiġi bil-karrettun biż-żiemel, konna ngħidu li t-togħma tal-ħobż taż-żiemel ma kellha x'taqsam xejn mal-ħobż tas-soltu li konna nixtru aħna.

Kien hemm servizzi oħra fit-triq bħal, ngħidu aħna, tal-posta, tal-pitrolju u tal-ħaxix filgħodijiet u tal-bigilla, tal-isfineġ u tal-imqaret filgħaxijiet. Kieku kelli ngħaddi kumment fuq it-toroq tagħna fi tfuliti kont ngħid: '*never a dull moment!*'

Tajjeb hawnhekk li ngħid ukoll li, fil-ġranet tal-Milied, ommi kienet tlesti l-*mince pies* biex ittihom lil dawk li kienu jiġbru ż-żibel, lil tal-posta u lill-bejjiegħ tal-ħobż. Għal ommi, dan kien appuntament regolari ta' kull sena li, kemm damet ħajja, ma fallietu qatt.



**APPELL**

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**

Is-Sinjura Pauline Bezzina (San Ġiljan) - €5.00
Is-Sinjura Pauline Agius (Ħal-Qormi) - Bolol

**L-Editur**

# Mill-ktieb tat-tifkiriet Fjuri li ma Jinxfux tal-Professur Oliver Friggieri




## Id-dinja kienet akbar

Ma kontx ili wisq li bdejt nagħmel dawn il-vjaġġi qosra waħdi, minn triq fil-Furjana għal triq oħra fil-Furjana u, din id-darba, mit-tarf ta' Balzunetta sa Triq il-Kapuċċini. Kienet dinja 'akbar' u l-idea tal-ispazji kienet differenti ħafna; konna nqisu li kantuniera kienet mil u li mixja ta' ftit minuti hi twila ħafna. Forsi għalhekk ukoll li, fost l-oħrajn, stajna nifirħu bil-ftit u biż-żgħir waqt li, maż-żmien, dan kollu beda jitbiddel u l-bniedem beda jintebaħ li issa ma kienx jaf kif se jibda jifraħ.

Qbadt f'idejja t-tnejn il-borża u l-basket tal-iskola u mxejt lejn il-bieb ta' barra. Inżilt it-taraġ tnejn tnejn u ommi widdbitni: "Se taqa'! Dak it-taraġ dejjem ibeżżagħni. Inżlu waħda waħda. Tilħaq tasal."

Liz-zija Ġuża ommi ma kinitx iġġibha ħafna. Kellhom biċċa ħtija t-tnejn li kienu imma qatt ma nqala' għawġ serju bejniethom. Ħbiberija, tislim, kumplimenti formali u ftit iżjed, jiġifieri dik id-doża meqjusa li tħalli kollox kif inhu għal żmien twil: la bnazzi mill-isbaħ u lanqas maltemp. Gwerra bierda? Le, lanqas. Apatija, antipatija? Forsi ma tistax timmaġina qraba fi ħdan familja, minn naħa u minn oħra, mingħajr dawn il-kumplikazzjonijiet. Forsi ommi ma riditnix nuri ħeġġa speċjali biex immur norqod għand oħt missieri.

Triq il-Kapuċċini, l-appartament numru ħamsa, fejn xwejħa twajba kienet qiegħda tistennieni bil-ħerqa biex ngħaddi l-lejl għandha. Sibtha tistennieni tittawwal mill-gallerija magħluqa fejn is-siegħat tagħha kienu jinqasmu bejn il-ħjata ta' xi flokk tas-suf għalija jew għal ħuti jew għall-kuġini u bejn il-ħars ċass minn wara t-tieqa, meta għajnejha kienu jegħjew u jdejha wkoll.

Ma kienx hemm ħoss jien u tiela' d-disgħin tarġa tal-appartament. Ma' kull sular, kont nixgħel is-swiċċ u jfeġġ id-dawl baxx ta' lampa żgħira li kont nitfiha malli nasal fis-sular l-ieħor biex nerġa' nagħmel l-istess, nixgħel il-lampa li jmiss, hekk sa ma nasal quddiem il-bieb imbexxaq taz-zija. B'dan il-mod, daqqa jien u daqqa l-kuġini, iz-zija kienet tnaqqas is-solitudni ta' ħajjitha - xebba u mħollija weħidha f'appartament li kien dejjem mimli ħajja. Għal ftit żmien, kienet ukoll tingħata l-okkażjoni li tħossha hi wkoll omm.

Baxxejt rasi u msaħt iż-żarbun mat-tapit ta' quddiem il-bieb.

"Sakkar sew," qaltli biex tagħtini ftit importanza waqt li kont ċert li kienet se terġa' tiċċekkja kollox hi għal darba tnejn.

"Sakkart sew, zi."

"Għandek kollox lest fil-kċina, ejja."

Jien serraħt il-borża u l-basket tal-iskola fuq il-mejda ta' ħdejn il-bieb ta' barra imma z-zija qaltli biex neħodhom miegħi mill-ewwel fil-kamra tas-sodda fejn kelli norqod, kamra mbiegħda mill-kamra tagħha, merfugħa għalija u għall-kuġini li jiġu.

"Kif mort l-iskola dalgħodu? Xi studjajt ġdid? X'lezzjoni kellkom il-Mużew? Kif inhu s-Superjur Zammit? U Karmenu ta' Pawla x'sar minnu? Kemm ili ma narah!" Kienu l-mistoqsijiet tas-soltu li dejjem weġibthom bit-tweġibiet tas-soltu.

Fuq il-mejda tal-kċina, mifruxa pulit u bis-sempliċità kollha, kien hemm bajda mgħollija lesta fl-uviera tax-xaqquf, biċċtejn ħobż mixwija u kikkra te' mgħobbija b'ħafna ħalib aktar milli kont nixtieq. Inxħett fuq is-siġġu tas-soltu tiegħi u bdejt biex nifrex is-sarvetta fuq ħoġri.

"Issa ngħidu t-talba flimkien, ruħi," qaltli.

Erġajt qomt bilwieqfa u raddejt is-Salib u bdejt nitlob magħha, la ngħaġġel wisq u lanqas nitnikker iżżejjed mal-pass meqjus ta' leħinha, jogħtor u sod, ġentili u deċiż.
"Berikna o Mulej u bierek dan l-ikel li aħna sejrin nieklu...", bdiet iz-zija.
"M'inti se tiekol xejn miegħi, zi, illejla?", qtajtilha kliemha malli ndunajt li kienet ħejjiet bajda waħda għalija biss.

"Issa ngħidu t-talba, ruħi," qaltli b'ħarsitha lejn il-Kurċifiss f'nofs il-kamra u t-tnejn flimkien tlabna.

# Tifkiriet tal-Għażiż Missieri

**Kitba ta' Paul J. Debono minn Ħal Lija**

Missieri, Giovanni, twieled fl-1889 u ħalliena fl-1968. Huwa ma kienx pittur imma, fl-1916, kien mar l-Iskola tal-Arti l-Belt u dam jattendi hemm għal madwar sentejn. Kien iħobb ipinġi ħafna fuq stil klassiku u l-aktar li kien tajjeb kien għal pajsaġġi. Sal-lum, għad għandi kwadri minn tiegħu li juru muntanji, mergħat iħaddru u mlewna bil-fjuri u xi kastell medjevali jongħos fil-ġenb għad-dell tal-foresta.

Mal-ġenituri tiegħu, huwa kien joqgħod Birkirkara imma, fis-sajf, kellhom post tal-villeġjatura, il-Qaliet, San Ġiljan. Kien matul is-snin tal-Ewwel Gwerra Dinjija li hemm kien iltaqa' u nnamra m'ommi li wkoll kienet minn Birkirkara u kull sajf kienu jmorru jqattgħu ix-xhur sħan fil-Qaliet għax, bħal ħafna Karkariżi u Beltin, kellhom post tal-villeġjatura hemmhekk.

Missieri kien anki pitter kwadru t'ommi bilqiegħda fuq il-blat tal-Qabża tal-Kanun. Dan il-post kien jissejjaħ hekk għax, fil-Gwerra l-Kbira, bejn l-1914 u l-1918, f'tarf il-Qaliet, l-Ingliżi kienu stallaw kanun kbir biex iħares lil dik in-naħa tal-kosta. F'dan il-kwadru, ommi tidher b'libsa lewn is-salamun, mingħajr kmiem u bi ftit li xejn skullar u b'dublett twil ftit iktar minn xiber 'l isfel mill-irkoppa. L-ippaneġġjar ħariġlu tassew sabiħ! Ommi, waħedha, qed tħares lejn it-Torri, bil-mewġ ħafif iħabbat mal-blat. Fil-bogħod, jidher vapur b'ċumnija twila li minnha ħiereġ duħħan sewdieni. Fis-sema, hemm ajruplan b'żewġt iġwienaħ. 'L hawn u 'l hinn, jidhru xi qlugħ flimkien ma' luzzu tas-sajd. Dehra li tfakkrek fis-snin 1927-28.



Inħoss għafsa ta' qalb kbira kull meta niftakar li dan il-kwadru m'għadux għandi u li ma nafx x'sar minnu. Baqgħu biss it-tifkiriet ħelwin marbutin miegħu. Kwadri oħra tiegħu għandi u nżommhom bl-ikbar għożża għax nemmen li, kif jgħid qawl Latin, '*Vita brevis, ars lunga'*, li jfisser, ħajjitna qasira imma dik tal-arti hija twila.

## APPREZZAMENT



### Paul Muscat Terribile

Fil-21 ta' Awwissu 2019, tħabbret il-mewt ta' Paul Muscat Terribile. Huwa kien membru fil-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani wara li kien ġie maħtur fl-Assemblea Ġenerali Annwali tal-Kunsill f'Marzu tal-2007, mill-Għaqda Veterani Laburista. Kien ukoll membru fl-Assoċjazzjoni tal-istudenti universitarji tat-tielet etá. Huwa dam membru fil-Kunsill għal 8 snin, sal-2015. Fis-snin 2007 u 2009 kien l-Editur ta' dan il-Fuljett – L-Anzjani Llum. Fis-17 ta' Ottubru, kien rebaħ il-Premju Anzjan tas-Sena 2008, għas-sehem volontarju tiegħu biex itejjeb il-kwalitá tal-ħajja tal-pensjonanti fis-soċjetá.

Fl-1976, Muscat Terribile beda jaħdem mal-Kamra tad-Deputati u serva bħala Aġent Skrivan tal-Kamra bejn l-1986 u l-1988 u aktar tard bħala Skrivan tal-Kamra bejn l-1989 u l-1991. Muscat Terribile kien ukoll kunsillier fil-lokalitá ta' San Ġwann.

Matul dawn is-snin kollha huwa ta kontribut kbir favur l-anzjani. Kien bniedem ħabrieki, bieżel u enerġetiku u fl-istess ħin kreattiv. Kien dejjem jaċċetta li jagħti l-għajnuna tiegħu – u din l-għajnuna, bosta drabi kienet tkun siewja ħafna u ta' valur. Kien imur jagħmel *talks* f'ħafna Ċentri. Huwa kien bniedem li jħobb l-ambjent u ta' sikwiet kien jitkellem u anki jikteb fuq l-ambjent.

Fil-waqt li l-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jħossu ferm obbligat lejh għas-snin twal ta' servizz li huwa ta, f'isem il-President u l-membri tal-Kunsill, nagħtu l-kondoljanzi lill-familja, u nwegħduhom li niftakru fih fit-talb tagħna.

# 13 ta' Ottubru JUM IN-NANNIET

Nanniet Malta
Grandparents Malta

## Kif bdiet l-ideja ta' JUM in-NANNIET f'Malta

- **2013: 26 ta' Lulju- Festa ta'Sant Anna u San Gwakkin, in-Nanniet tal-Bambin**
  **Philip Chircop jiġi mnebbaħ mid-diskors ta' Papa Franġisku** meta tkellem dwar it-trobbija tiegħu ma'nanntu (waqt li kien qed jindirizza Forum taż-Żgħażagħ fil-Brazil)
  **23 ta' Sett.- Philip Chircop jiltaqa' mal-President George Abela u jitolbu l-Patroċinju Distint tiegħu** u immedjatament wara **Philip waqqaf il-Fondazzjoni 'Nanniet Malta' (NGO V/O 0869)**
  **20 ta' Ott.- Jum in-Nanniet jiġi ċċelebrat għall-ewwel darba f'Malta** b'Quddiesa fil-Knisja tal-Ħniena Divina fin-Naxxar, li għaliha attenda l-Onor Speaker, Dr Anglu Farrugia u folla numeruża.
  **20 ta' Nov.- Philip Chircop iwaqqaf Branch f'Għawdex u jiġi ċċelebrat 'Jum in-Nanniet' f'Sannat għall-ewwel darba u għadu jiġi ċċelebrat ta' kull sena.**
- **20 ta' Diċ. - L-Onor Speaker jistieden lill-Fondazzjoni għall-ewwel seduta tal-Parlament tan-Nanniet** u għada tiġi organizzata f'Settembru bħala appuntament annwali.
- **2014: 12 ta'Mar - Philip Chircop iressaq mozzjoni fil-Parlament permezz taż-żewġ Whips sabiex it-Tieni Ħadd t'Ottubru jiġi ddikjarat bħala Jum in-Nanniet** u jiġi ċċelebrat kull sena fill-Gżejjer Maltin.
  **Il-Parlament Malti japprova l-mozzjoni b'VOT UNANIMU dak in-nhar stess.**
  **26 ta'Lulju- Il-Fondazzjoni tiċċelebra għall-ewwel darba il-Festa ta' Sant Anna u San Gwakkin (annwali)**
  **23 ta' Sett- Jibda' jiġi mfakkar 'Jum il-Fondazzjoni' ta' kull sena, b'Mixja u Rikba tan-Nanniet fuq il-muturi.**

**Kull Tieni Ħadd t'Ottubru ta' Kull Sena - Jiġi ċċelebrat 'Jum in-Nanniet' b'Quddiesa f'diversi knejjes madwar Malta b'xandira diretta fuq TVM2. F'Għawdex tiġi ċċelebrata s-Sibt ta' wara u mxandra minn Ta' Pinu. Dawn l-aħħar snin, il-Quddiesa qed tiġi ċċelebrata u mxandra mill-Palazz tal-President, f'San Anton.**
**2018: 8 ta' Diċembru ET President Marie-Louise Coleiro Preca inawgurat Monument tan-Nanniet f'San Anton**




**Il-Core Team jiltaq' kull xahar biex jippjana l-attivitajiet:**

- Ftuħ ta' Centri tan-Nanniet, f'kollaborazzjoni mal-Kunsilli.
- Laqgħat tan-Nanniet kull ġimgħa.
- Attivitajiet soċjali u Żjarat fil-Homes biex inferrħu l-Anzjani.
- "Befriending Programmes" biex nikkumbattu s-solitudni u l-abbandun.
- Ħargiet kulturali u edukativi.
- Hargiet għal-Għawdex.
- Safar u Cruises madwar l-Ewropa.
- Dinner-Dances u Breakfasts.
- Mixjiet u Rikba bil-Muturi.
- Parlament tan-Nanniet.
- Viżti tal-Knejjes f'Ħamis ix-Xirka.
- Lezzjonijiet ta' Line Dancing u Ballroom .
- Lezzjonijiet B'Xejn tal-Computer.
- Wirjiet ta' Artiġġjanat maħduma minn Nanniet u Neputijiet.
- Jum in-Nanniet u żjarat fl-iskejjel.

Nanniet Malta
Grandparents Malta

## Nanniet Malta - Programm Ottubru-Diċembru 2019

| | | |
|---|---|---|
| **Ottubru Ħamis 3 sal Ħadd 6:** | | **Catania Weekend Break Siracusa Palazzolo Acreide** |
| **Ottubru Ġimgħa 11:** | | **Dinner Dance fil-Victoria Hotel Sliema** |
| **Ottubru il-Ħadd 13** | **9.00:** | **Jum in-Nanniet- fil-Palazz tal-President, San Anton**<br>**Quddiesa li tixxandar LIVE fuq TVM2** |
| **Ottubru il-Ħadd 20** | | **Missio World Wide - Maratona TVM (Where's Everbody)** |
| **Ottubru is-Sibt 26** | | **'Jum in-Nanniet' Ġurnata f'Għawdex**<br>**Seashells Xlendi IKLA u Dance; Quddiesa Ta'Pinu (TVM2)** |
| **Novembru** | | **Tifkira Nanniet li ħallewna - Quddiesa & Buffet Breakfast** |
| **Diċembru il-Ħadd 13** | | **Jum ir-Repubblika Dinner Dance tal-Milied**<br>**SHOW b'Artisti Internazzjonali Nigret Night Club- Rabat** |

*nanniet.malta@gmail.com*

**Irrizerva Post: Ċempel 21447304 /21446568/79446568/99207043**

# In-Nanna Lbieraħ u Jien Illum

## Kitba ta' Lina Brockdorff

Il-kelma "nanna" jista' jkollha żewġ tifsiriet: waħda tfisser omm ommi jew omm missieri, waqt li nista' l-istess kelma nużaha għal mara mdaħħla fiż-żmien.Qisni qed naraha issa lil nannti Marija Konċetta, meta bdiet tikber u tgħodd fuq il-ħamsa u ħamsin sena. Dan fis-snin Tletin ta' qabel it-Tieni Gwerra. Aktarx li tistagħġeb taqra ħamsa u ħamsin, tissuspetta li għajnejk qed iqarrqu bik jew li hemm xi għelt fil-kitba. Xejn minn dan kollu! Għax il-ħamsa u ħamsin sena ta' dak iż-żmien tista' bl-akbar ħeffa tqabbilhom mas-sebgħin jew tmenin tal-lum! Kienu jgħixu ħajja iqsar minna. Meta xi ħadd kien jagħlaq il-ħamsin jibda jqis ruħu max-xjuħ, man-nanniet. Il-kelma "anzjan" ma kellhiex il-konnotazzjoni li għandha llum. Qajla konna nużawha fil-Malti ta' kuljum! Dażżmien qisna nistmerru nlissnu biss il-kelma "xiħ" jew "xiħa", bħal dak li qallu miskin hu min jgħaddu s-snin minn fuqu, u billi nibdlulu ismu u nsejħulu 'anzjan' inkunu qed innaqqsulu mill-annati! Mur ifhem!

Nannti ma kinitx eċċezzjoni. Meta għalqet ħamsa



u ħamsin, niftakarha bir-rassenjazzjoni ta' Ġobb twarrab kull libsa tal-kulur. Bdiet bħala l-ewwel pass tilbes dawk blu skuri, griżi, kannella jew suwed ittikkjati jew irrigati bl-abjad. Dan kien il-pass intermedjarju, qabel ma tfiet kull lewn minn fuqha u tkeffnet bl-iswed. Jaħasra nannti kienet niexfa daqs aringa u qajla kien joqgħodilha l-iswed. Saret qisha dell ta' dak li kienet qabel, għalkemm ma tistax tgħid li qatt kienet mibruma. Din il-bidla tatni f'għajni. Kont nistaqsiha għaliex għamlet hekk u t-tweġiba kienet dejjem: "int għadek żgħira, ma tifhimx … għax hekk xieraq." Domt nistaqsiha, imma dejjem qatgħetli l-għatx bil-perżuta.

L-Isla, xi nisa li qajla kellhom x'jagħmlu, kienu bl-akbar reqqa jżebbġu għajnejhom u jżommu kalkolu ta' kemm għalqet żmien kull mara, inkluża s-Sa Ċett, u li jekk ma tibdilx il-qoxra mlewna ta' barra, jibdew jiskandalizzaw ruħhom biha! "Min jaf x'qed tippretendi? Tgħid x'għandha f'moħħha? Ġiżumarija fiex wasalna!" Mur oqgħod bihom! Min jaf jekk kinux jhedew jikkalkulaw ukoll l-età tal-irġiel!

Għandek tgħid, paċenzja li l-proċess naturali tax-xjuħija jisraqlek il-par wardiet roża minn ħaddejk flimkien mal-lewn naturali ta' xagħrek, ikemmixlek il-ġilda u jbaxxi d-dawl leqqieni ta' għajnejk. Biex tagħqad jonqos li twarrab il-ftit ilwien tal-ħwejjeġ li b'xi mod itaffu il-monotonija tad-dehra tiegħek. U kemm kienu bla gost dawk il-blużi suwed, bla tlellix u bla frilli u bla ċfuf, bla pjiegi u bla pnatar … xejn, awsteri kemm tridhom. Dmirhom kien biss li jostru saħansitra kull l-iċken dettall fiżiku li jifforma l-mara!

L-istil tax-xagħar biddlitu wkoll. Fejn qabel xagħarha kien imġiegħed naturali u mitluq fuq spallejha, issa beda jdur issikkat ġo qagħqa marsusa, toppu fuq wara b'ġozz furfiċetti twal suwed tal-firdiferru. Wara dan l-istadju, ix-xagħar ma kienx idum ma jitlef lewnu, jiżżewwaq bil-griż u wara ftit isir kollu abjad. Ħadd qisu ma kien sema' biż-żebgħa tax-xagħar.

Issa jekk saret dil-bidla fid-dehra tagħha, kien hemm bidla akbar fit-taqsim tax-xogħol u ta' kif tfekren ġewwa u barra mid-dar. Niftakarni noqogħdu fl-istess dar, u qed nisma' llum l-litanija t'ommi: "Ma, titħabatx, ftakar li inti llum m'għadekx li kont. Strieħ, poġġi bilqiegħda u ndukrali liċ-ċkejken." U n-nanna dritt tbaxxi rasha tobdi lil bintha aktar milli nobduha aħna t-tfal.

Tal-għaġeb, qisu ftit kien ikollha fiex tqatta' l-ħin tal-jum! Iżżebbeġ il-kuruna tar-rużarju jew tintilef f'xi faxxiklu ta' rumanz li jiġu jduru bih dar dar kull ħmistax. Ma rridx ninsa, kienet b'nuċċali fuq il-ponta ta' mneħirha taħdem il-kalzetti tal-ħajt fuq erba' labriet; inkella traqqa' xi peduna li ttiklitilha l-għarqub fuq speci ta' bajda tal-injam jew tal-irħam; u peduni għat-tiswija l-Mulej kien dejjem jipprovdilha għax konna torċma tfal! Xi drabi taħdimlek ukoll xi xalla tas-suf bil-ganċ.

Drabi oħra, ommi u missieri jħajruha tagħmel passejn magħhom filgħaxija, hi fin-nofs, waqt li labranzetta jżommuha għax wisq forzi ma kellhiex; il-qasab ta' riġlejha bdew jitgħawġu, saru jagħtu fit-tond u ma baqgħux dritti kif kont nafhom qabel.

Ir-rutina tal-ikel inbidlet ukoll. Snien ma tantx kien fadlilha. Minħabba f'hekk spiss taraha tfittet xi galletta, biskuttell, xi ottu jew qagħqa ħelwa fil-kafè jew fil-kokotina, jew tbill fettul ħobż fi ftit inbid aħmar bi ftit zokkor. Waqt li għall-ikliet ewlenin tal-jum kien hemm il-platt tas-smid toqlija, jaħasra, (kien ifakkarni fl-għasida tat-tiġieġ), brodu bit-tarja tal-kunsulat, torta tal-ħaxu, inkella biċċa rkotta, xi platt minestra jew xi ħuta friska. Ma' dawn, bajda nejja friska li kienet tixrob minn taħt it-tiġieġa u tazza ħalib kollu ragħwa, dritt kif jaħlibhielha Ġiljan tal-mogħoż. Intenni, li dak iż-żmien bl-għajnejn ta' tifla kont nitħassarha lill-povra nannti. Kont beżgħana li xi darba għad nispiċċa bħalha!

Imma "iż-żmien itul, u l-qarn idur" kienu jgħidu x-xjuħ tagħna, u għalkemm setgħu kienu nies bla skola, kienu jafu xi jgħidu għax kellhom l-aqwa għerf - dak li jitgħallmu mill-esperjenza tal-ħajja. Illum ili li qbiżt is-sena li fiha nannti ddikjarat li xjieħet. Ġara li issa nqalbet il-folja! Għax spiċċajt nitħassar lili nnifsi - eżerċizzju mhux ta' min jinkuraġġih, għax jaf iwaqqgħek f'dipressjoni. Iva, illum ngħir għall-ħajja li kienet tgħix l-għażiża nannti.

Ikolli nammetti li għandi ħafna x'jaħjini u li nannti qatt ma ħolmot bih, ibda mid-dehra ta' persunti. Dan huwa fattur ta' importanza kbira għal kull Eva. Illum ma tantx għadek tara nisa b'xagħarhom imżewwaq bil-griż għax għandna kull tip ta' żebgħa tax-xagħar, barra mill-offerta li tista' ttawwal dan ix-xagħar, tibdillu l-istil u l-maxta, kif trid u meta trid. Hawn dentisti kapaċi jirranġawlek sett snien isbaħ milli żejnitek bihom in-natura; kremi u kulur tal-wiċċ, essenzi ta' zjut biex jirrilassaw il-muskoli li ilhom iebsin, barra minn terapiji varji li bihom tistimula l-ġilda li ma jiftillhiex turi s-sintomi ta' xjuħija, u, allaħares qatt, jikxfu kemm-il sena tgħodd. Issib kliniċi li joffrulek dieti speċjalizzati biex tibqa' f'saħħtek u tiġġieled ix-xjuħija. Biex ma nsemmix xi interventi kirurġiċi li b'manipulazzjoni tal-għaġeb jibdlulek kull parti ta' ġismek u jġibuk għalli kont tletin sena qabel! Jekk mhux aħjar ukoll! Ħwienet tal-ħwejjeġ u żraben illellxu kemm trid, u ħadd ma jindaħallek liema lewn jew stil tilbes. Affarik.



Illum tgħallimniha bl-amment: jekk trid tibqa' f'sikktek jeħtieġ li toqgħod b'seba' għajnejn dwar dak li tiekol. Din tal-ikel neħodha bis-serjetà. Xtrajt forn tal-gass u ieħor tal-elettriku barra minn majkrowejv u kull tip ta' bormaforn tal-aħħar moda li ssajjar kollox f'kemm ili ngħidlek, waqt li jserrħuli moħħi li jsaffu kull qatra xaħam, inkella nista' nitlef il-figura, barra mill-fatt li hemm ir-riskju li jitlagħli l-kolesterol u l-pressjoni. Għandi vit apposta li jsaffili l-ilma, li ma jmurx, barra minn hawn, tittrabbhieli xi farka ta' ġebla!

Iktar minn hekk, fil-kċina għandi wkoll il-magna tal-ħasil tal-platti, u naturalment, oħra li taħsel il-ħwejjeġ, waqt li għax-xitwa, magna oħra li tixxotta kull qatra ilma minnhom. Ma rridx ninsa li hemm il-magna li taħsel l-art u tnaddaf it-tapiti, purtieri u s-sufanijiet.

Għal mogħdija taż-żmien lanqas biss noħlom li nqatta' l-aħħar jiem ta' ħajti naħdem fuq l-erba' labriet! U ħallina! Għandi t-televiżjoni, il-vidjo, il-kompjuter; hemm il-każin fejn spiss immur nilgħab il-karti, u waqt li nistrieħ fiżikament, ilsieni ma jedhiex itaqtaq fuq l-aħħar aħbarijiet dwar il-ġirien. Żid il-ħarġiet bil-karrozza li jorganizza l-Kunsill jew il-Parroċċa. U jekk xi darba nixtieq il-kumpanija naqbad it-telefown, il-mobajl, nibgħat messaġġi bl-internet u niċċettja ma' dik u ma' dak ... tajjeb jew ħażin ngħaddiha. Lanqas ma għandhom ċans li l-kesħa tax-xitwa jew l-għomma tas-sajf ikidduni, għax ili li ħsibt għall-arja kondizzjonata.

Bħalissa nistħajlek tgħid: "Din se ddum tiffanfra? Kif dardritni!" Aktarx li int wasalt f'konklużjoni li ma jonqosni xejn, li qed ngħix ħajja ta' reġina, jew fil-ġenna tal-Eden. Imma b'xorti ħażina ngħidlek li mhux hekk, għax donnu x-xitan ma jaħmel lil ħadd bi kwietu.

Il-bużillis qiegħed hawn. Li kull mezz ta' kumdità li semmejt, bil-magni b'kollox, dawn jafu jobdu u jaħdmu ... imma jafu wkoll jagħmlu ta' rashom; waqt li għandhom ħabta jieqfu ħesrem b'xi ħsara ... li biex ngħid is-sewwa, din bosta drabi nikkaġunaha jien għax nagħfas xi buttuna bi żball!

Ifhimni u agħdirni! Tużżani ta' buttuni jew ta' swiċċis waqt li wliedi erħilhom jagħtu l-voti: "Imissni ili li tgħallimt sew kif nagħfashom wara xulxin. Dawn affarijiet serji. M'għandix niċċajta mal-elettriku. Jien mhux xi injoranta, jien rasi iebsa u ma rridx nitgħallem, dak kollox! Jiġrili hekk għax nibża' minnhom, u dawk mhux ser jigdmuni, dawk m'għandhomx snien." Terġa', għandi turrun karti ta' direzzjoni b'xi tmien ilsna, (imma mhux bil-Malti) ta' kull aċċessorju u ta' kull magna flimkien ma' patafjun ta' garanziji li l-magna f'sikitha u serraħ moħħok għax ser taħdem għal bosta snin.

Sadattant l-ebda ħoss jew ċaqliqa mill-magna! Għalxejn inkellimha tajjeb għax ma tafx bil-Malti! Hemm trid tarani!

B'tant swiċċis madwari kif inhu possibli li niftakar eżatt b'liema ordni kelli nagħfas dak il-mingħul ta' swiċċ li suppost imissni għafast? Biex inkompli ngħaxxaqha nibda nixgħel u nitfi dik il-misħuta magna forsi xi darba jiftillha tibda taħdem u tħallini fis-sliem. Jaħasra kollu ta' xejn!

Meta nkun f'dagħdigħa bħal din saħansitra jkun hemm drabi fejn ninsa fejn ħallejt il-mowbajl. 'Iva, Sant'Antnin għalxejn inwegħdek għaxar ċenteżmi? Kemm sar għali xogħlok!' ... 'Jeħtieġli naħdem sew kemm imissni noffrilek la dawwarna għall-ewro.' Hawn! Sibtu fl-aħħar il-mowbajl. Dan ukoll ma jridx jixgħel! Nibda ninkwieta. Ixoqq l-għaraq għalija. Ikolli npoġġi bilqiegħda għax riġlejja nħosshom jerħuni. Nisħet is-siegħa u l-waqt li ħallejt 'il uliedi jipperswaduni u jirregalawli dawn il-gadgets. Il-pressjoni tiela', qalbi tħabbat goff, in-nifs jonqos, nistħajjel li 'domnu', s'hawn għamilna! Addijo magni u kumdità.

Bħalissa ninsab f'wieħed minn dawn l-attakki. Qajla għandi forza nasal sat-telefown li jinsab 'il bogħod. Il-cordless qiegħed għat-tiswija. Tibżax, tippanikjax ... ikkalma ... sib il-mowbajl, hemm fuq it-tavolin żgur ħallejtu. Ix-xjaten! Qed niftakar insejt niċċarġjalu l-batterija! Kif ser insejjaħ għall-ewwel għajnuna? ... U le, din mhix ħajja!

Qed tifhem issa għaliex ngħir għal nannti li ma kellha qatt tgħaddi minn purgatorju bħal dan? Kemm kienet aħjar il-ħajja dak iż-żmien meta nannti saret nanna!

# In-Nanna

Poeżija ta' Lina Brockdorff

Miexja tkaxkar lejn l-armarju,
Ħarġet kaxxa bis-sadid,
Lilha fetħet, fiha ttawlet,
Salt pakketti tal-penit.

"Ih! Jaħasra, iċ-ċkejken Johnnie
Ilu ftit ma jiġi s'hawn!
Xtrajtlu ħafna ċejċa bnina;
Naf li jħobbhom żgur minn dawn.

"Soltu ġie, wara l-iskola,
Bewsa jtini mbagħad idur
Lejn l-armarju biex ifittex
Dak il-ħelu dritt imur!"

Povra xwejħa! Qiegħda tinsa;
Xorta qalba tħobb qatigħ.
Johnnie żżewweġ u nesiha
Imm' hi baqgħet tistennieh!



Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista "L-Anzjani Llum" kull 3 xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll l-anzjani individwali li huma abbonati.

Din ir-rivista hija ta' interess u informazzjoni għall-anzjani fejn ninkuraġġuhom ikunu aktar attivi, fiżikament u mentalment.

Għaldaqstant napprezzaw ħafna li tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista, biex dan l-iskop fejjiedi jkun jista' jitkompla.

Grazzi bil-quddiem

**Lista ta' Donazzjonijiet għall-Promozzjoni**

(Daqs A4 - kulur wieħed – iswed)
Paġna sħiħa €200, Nofs paġna €125 u kwart ta' paġna €80

(Daqs A4 – Paġna bil-kulur – f'paġna 2, paġna 19, jew il-paġna ta' wara paġna 20)
Paġna sħiħa €250, Nofs paġna €150 u kwart ta' paġna €100
Dawn il-prezzijiet huma għal pubblikazzjoni waħda, jekk tkun trid tirreklama aktar minn darba l-prezzijiet jiżdiedu skont għal kemm-il darba.
Għal aktar informazzjoni kkuntattjawna fuq in-numru tat-telefown 2124 3860 jew *e-mail*: kna@onvol.net

# Il-kitba fuq il-ħajt

**Novella ta' Vincent Piccinino**
**It-Tnejn, 30 t'Ottubru 2017**



Qatt ma kont mort Parìġi! Kont naf li hija belt maestuża, b'arkitettura mill-isbaħ, toroq wesgħin, palazzi, mużewijiet, ġonna, pjazez, monumenti u funtani. Imma qatt ma kont mort. Kont ili biex immur ukoll. Għalija, li m'għandi 'l ħadd min jikkmandani kif ukoll bħala għalliem tal-arti fi skola sekondarja, mhix ħaġa diffiċli biex kull sajf, ma' kull vaganzi, nippakkja bagalja u mmur inżur bliet kapitali oħrajn. Imma, daqqa għal raġuni u daqqa għal oħra, Pariġi kont għadni qatt ma mort. Imma, jum fost l-oħrajn, sieħbi Mike, kollega fuq ix-xogħol u ħabib antik li, kemm-il darba, sifirna flimkien, qalli: "Dis-sena taf fejn immorru? Pariġi!"

"Jien ili biex immur!" għidtlu. "Imma dan x'tak, hekk, f'daqqa waħda, għal Pariġi?"

"Għax dis-sena taħbat il-mitejn sena mir-Rivoluzzjoni Franċiża u se jiċċelebraw bil-kbir," weġibni. "Naħseb li ta' min immorru hemm din id-darba! Le?" U hekk għamilna.

Tassew sabiħa Pariġi; mill-ewwel laqtitni u ġibditni. Hemm x'tara wisq! U x'ma rajniex, u fejn ma morniex? It-*Tuileries Gardens*? Xi ġmiel! Ix-*Champs-Elysèes*, l-*Arc de Triomphe* u l-*Place de la Concorde*? Ma tixba qatt! *Versailles*? Ma tistax ma tmurx! Il-Katidral ta' *Notre Dame* u s-*Sacre Coeur*? Ma tistax ma tarahomx! Fuq l-*Eiffel Tower*? Ma tistax ma titlax! Inkella xi tmur tagħmel? Is-*Sorbonne, Montmartre* u l-Kwartier Latin? Kien hawnhekk li ġratli biċċa tassew stramba.

Konna qed induru f'parti antika tal-belt u ġejna fi triq li kienet donna se tagħlaq u ma tinfidx. Quddiemna, fl-aħħar tat-triq, kien hemm bħal fetħa żgħira titla għaliha bi tliet tarġiet. F'din l-ispeċi ta' pjazzetta kien hemm xi ħwienet tal-ikel, ħwienet tas-*souvenirs* u oħrajn li jbigħu kwadri u oġġetti konnessi mal-pittura. "Ara hawnhekk, qisu Malta!" stqarrejt jien qisni qed nitkellem waħdi.

Mike waqaf iħares lejja. "Int bis-serjetà?" staqsieni. "X'għandu x'jaqsam ma' Malta hawn? Lanqas ix-xita ħdejn in-nida!"

"Ejja nagħtu daqqa t'għajn," għidtlu.

"Hemm ma jinfidx ta," qalli.

Ma tajtx kasu. Ma nafx x'ġibidni 'l hemm! Bqajt miexi 'l quddiem, tlajt it-tliet tarġiet, ilwejt lejn il-lemin u waqaft inħares skantat lejn il-kantuniera fejn kien hemm bieb kbir forma ta' arkata magħmula nofs tond. "Mela qatt ma rajt *wine bar?"* staqsa l-ħabib tiegħi b'nofs daħqa.

Mal-istess ħajt, 'il ġewwa tal-pjazzetta mal-lemin, kien hemm triq dejqa mserrpa. "Ikolli ngħid li dik it-triq tagħti għal pjazza oħra, ikbar minn din u, f'tarf minnhom hemm ċint bil-balavostri!" Ma nafx kif għidt hekk għax, fil-verità, dak il-ħin, ħassejtni qisni qed noħlom. Ma nafx x'tani! "Imxi naqtgħu il-kurżità!" inbixt lil Mike li kien għadu qed iħares lejja b'mod imħasseb. Tlaqna u, wara li mxejna xi ħamsin metru, b'għaġeb kbir tiegħi, veru ġejna fi pjazza mdaqqsa. Perù, faċċata, mhux ċint bil-balavostri kien hemm imma *railing* tal-ħadid u panorama sabiħa tan-naħa ta' Pariġi fejn hemm il-knisja tas-*Sacre Coeur*. Imxejna 'l hemm biex nitpaxxew ftit b'dik il-veduta. La jien u lanqas Mike ma lissinna kelma fuq il-pjazza imma, minn ħin għal ħin, lil sieħbi qbadtu kemm-il darba jtini daqqa t'għajn suspettuża; qisu ried jgħidli, "Int kif kont taf?" Imma ma qalli xejn ħlief, "Jien inxift! Nidħlu nieħdu flixkun birra minn dak il-ħanut?"

"Anki jien qabadni l-għatx," għidtlu. "Imxi, ħa nistrieħu ftit ukoll, fl-istess ħin."

Dħalna. Dak il-ħin ta' filgħodu konna, tista' tgħid, waħedna fil-ħanut. Kien hemm raġel b'fardal abjad madwar qaddu qed inaddaf, fetħilna żewġ fliexken birra u reġa' mar ikompli jlesti għal meta jinqalgħu n-nies. Fuq xkafef żgħar madwar il-ħitan kollha u f'kull rokna ta' dik id-dverna kien hemm ċorma fliexken, tramiġġani, bombli, borom u kzazel, spiritieri u x'naf jien; kollha affarijiet qodma li kienu jintużaw fi żminijiet oħra. Imdendlin mal-ħajt, kien hemm ukoll reġiment ritratti antiki ta' rġiel, kollha bil-ġlekk, bis-sidrija, bil-lobbja u bil-mustaċċi, li min jaf kemm kien ilhom li marru taħt it-trab. Qomt inħares lejhom. Fosthom, kien hemm kwadru ta' dik l-istess pjazza li konna fiha; impitter minn xi ħadd dilettant. Għall-ewwel, issummajt u ma kontx naf x'naqbad naħseb imma, meta ġejt f'tiegħi, għajjat, "Ejj' ara x'hawn Mike!"

Għaġeb tal-għaġbijiet; kien jidher il-ħanut, bis-siġġijiet u l-imwejjed armati barra imma, mal-ġenb tiegħu, minflok ir-*railing* tal-ħadid, kien hemm ċint antik, kollu balavostri. Tal-ħanut semagħni ngħajjat u ġie jittawwal biex jara jekk ridniex xi ħaġa. Rana nħarsu ċċassati lejn il-kwadru. Waqaf warajna jimsaħ idejh fil-fardal. "Dak, min pinġieh, miet fl-Ewwel Gwerra!", qalilna biex, mingħalih, iwieġeb il-mistoqsija li kemm jien kif ukoll sieħbi Mike ridna

nistaqsu.

Urejtu ċ-ċint bil-balavostri u, "Dan x'sar minn?" staqsejtu.

"Dak niftakar meta neħħewh għax, biż-żmien, therra u sar perikoluż," għarrafna. "Ħasra hux," kompla jgħid, "għax kien isbaħ mill-gozz ħadid bla gost li hemm illum."

Xrobna li kien fadal mill-birra bil-kwiet, għedna saħħa u tlaqna 'l barra. "Tista' tgħidli x'qed jiġri?" ried jaf Mike.

"Emminni li lanqas jien stess ma naf," weġibtu. Imbagħad komplejt: "Ħa ngħidlek ħaġa - naf li mhux se temminni! Tiftakar meta għidtlek li hawnhekk qisu Malta? Għandek raġun - m'għandux x'jaqsam ma' Malta! Imma, ma nafx, dak il-ħin ħassejt li dak il-post qisni nafu x'imkien!"

"U, dik ġieli tiġrili; anki jien!" qalli Mike.

"Ħallini nkompli," waqqaftu. "Tiftakar meta tlajt dawk it-tliet tarġiet u waqaft inħares skantat lejn il-kantuniera. Taf għaliex? Għax, qabel dort fuq il-lemin, ġie xi jgħidli li, kif iddur il-kantuniera, hemm bieb ta' remissa, forma ta' arkata. Għalhekk bqajt skantat inħares lejh!"

"U daqskemm hawn bibien bl-arkati hawn!" qalli Mike. "Biex qed tiskanta?"

"Qed taraha dik id-dar?" staqsejtu. Quddiemna, fuq in-naħa l-oħra tal-pjazza, kien hemm dar antika. Il-bieb kien miftuħ u kien hemm ukoll xi ħaddiema bl-*overall* qed jagħmlu xi xogħlijiet. "Issa xi tgħidli jekk ngħidlek li, fuq il-ħoġor ta' dik it-tieqa li hemm fit-tieni sular, hemm minquxin l-ittri, 'HR'?"

"Ngħidlek li, bħala artist, qed toħlom imqajjem!", weġibni Mike.

"U, jekk imbagħad insibu li hekk hu, xi tgħidli?", erġajt jien.

"Allura ngħidlek li, int, jew qed tidħaq bija u mhux veru li qatt ma ġejt hawn, jew, inkella, int miktub ma' ta' denbu twil!", sploda Mike. Mike raġel mill-aħjar; is-soltu tqatta' u tiekol minnu u, mingħandu, tieħu dak li trid. Imma, għal waqt wieħed, ħassejtu donnu kien ser jitlef sabru.

Ġbidtu naqra mill-komma u, "Tridx immorru naraw?", għidtlu bil-ħlewwa.

"Kif nistgħu?", qalli. "Mel' int kollox kif ipasparlek moħħok?"

"Issa ngħidulu li aħna interessati forsi nixtruha u nitolbuh jekk nistgħux nidħlu narawha ftit," għidtlu.

"Imxi salib!", weġibni.

"Le, din mhix għall-bejgħ," fis għarrafna l-imgħallem. "Qed nirrestawrawha għax se jagħmluha xi mużew! Imma, jekk tridu tarawha, il-bieb miftuħ. Tmissu xejn u ara li ma taqgħux, għax għad m'hemmx poġġamen!"

Tlajna fuq, fit-tieni sular. Dħalna f'kamra b'tieqa għal fuq il-pjazza. Imxejna lejha imma l-ħoġor tat-tieqa kien mgħotti b'soll tal-irħam. "Issa kuntent?", staqsieni Mike b'ton rebbieħ.

Tajna daqqa t'għajn oħra u nżilna 'l isfel bil-kwiet. Mike żżaħajr lill-imgħallem u jien qbadt biex nistaqsih jekk dik il-biċċa rħama fuq il-ħoġor tat-tieqa fit-tieni sular twaħħlitx issa, kemm ilhom jaħdmu. Imma lanqas ħallieni nispiċċa għax qalli, "Iva, fil-fatt, dik trid terġa' tinqala' għax taħtha qalu li hemm xi skrizzjoni u l-iżviluppaturi ma jridux jgħattuha."

It-tnejn iċċassajna mill-ġdid imma kien Mike li ġie f'tiegħu l-ewwel. Dar fuq l-imgħallem u qallu, "Ladarba xorta waħda trid tinqala', għandek flixkun inbid jekk taqlagħha issa. Aħna għalliema Maltin. Jien ngħallem il-Franċiż u sieħbi jgħallem l-arti. Għada sejrin lura lejn id-dar u, jekk hu possibbli, nixtiequ naraw x'hemm miktub taħtha qabel nitilqu."

Ma nafx kienx l-inbid jew xi ħaġ' oħra. Naf biss li l-imgħallem għall-ewwel qagħad jaħsibha ftit, imbagħad qabad lieva daqshiex u tela' fuq magħna. Morna ħdejn it-tieqa, l-imgħallem daħħal it-tarf tal-lieva fit-tajn li kien hemm taħt is-soll, ta skoss 'l isfel bit-tarf l-ieħor tal-lieva u l-irħama dlonk intrefgħet 'il fuq daqslikieku kienet imwaħħla bil-kolla tad-dqiq. Imbagħad ġab kazzola u beda jneħħi t-tajn li, jew għax kien għadu frisk jew għax, fis-sewwa, ma kellux siment kemm suppost, beda jinqala' ċapep ċapep qisu mhux hu. Fl-aħħar, l-imgħallem qabad pajp li kien hemm fil-qrib, fetaħ il-vit u, bil-pressa tal-ilma, neħħa l-ftit tajn li kien għad fadal u hemm, minquxin fil-ġebla tal-ħoġor tat-tieqa, kien hemm l-ittri 'HR' u n-numri '1855'.

Erġajna nżilna 'l isfel. Ma nafx min minna t-tnejn kien imbikkem l-iżjed, jekk hux jien jew Mike. Ħriġna barra, irringrazzjajna lill-imgħallem u, sakemm Mike mar jixtrilu flixkun inbid mid-dverna fejn konna ħadna l-birra, jien qadt inħares lejn il-faċċata u nieħu r-ritratti ta' dik id-dar imsaħħra. Lanqas kont indunajt biha imma mal-ħajt, fil-ġenb, ħdejn il-bieb ta' barra kien hemm plakka qadima tal-irħam li fuqha kien hemm dawn il-preċiżi kelmiet:

*'Dans cette maison*
*est né, et a vécu pour quelque temps,*
*le peintre franćais Henri Rousseau*
*1844 – 1910'*

li, bil-Malti jfissru hekk - F'din id-dar twieled, u għex għal xi żmien, il-pittur Franċiż *Henri Rousseau* 1844 – 1910. Lil Mike urejtu l-irħama meta ġie lura bl-inbid imma m'għidtlu xejn dwar il-konklużjoni li wasalt għaliha, għax dak mhux artist u ma joħlomx imqajjem, bħali. Illum nista' ngħid li, qabel mort Pariġi, ma kontx nemmen fir-ri-inkarnazzjoni imma, minn dakinhar 'l hawn, sirt nemmen!

# Mir-rumanz għall-poeżija

**Kitba ta' Karmenu Mallia**

Il-ħajja mhix bandla? Issa fuq, issa isfel; issa l-ġdid, issa l-qadim. Meta taqra l-istorja, tkunx tad-dinja, tkunx ta' pajjiżek jew tiegħek stess, tinduna li, għalkemm taħseb li qed tgħaddi mill-ġdid, qed jerġa' jerfa' rasu l-qadim. U tgħid: ej, dan diġà għaddejt minnu, jew id-dinja diġà għexet bħalu. Qisu m'hawn xejn ġdid taħt il-kappa tax-xemx. Bandla, insomma.

Jien hekk ġrali. Sakemm kont għadni fis-servizz, kont nikteb xi ħaġa 'l hawn u 'l hemm; l-aktar poeżiji u xi esej. Imma, ma nafx għaliex, wara li rtirajt, il-ħajra għall-kitba assedjatni. Biex tagħqad, meta ibni għamilli pjaċir (għalkemm kontra qalbi dak iż-żmien, għax bżajt minnu) u ġabli kompjuter id-dar bla ma kont qed nistennieh, il-ħajra aktar kibret. Il-qari, imbagħad, daħal aktar 'il ġewwa u, minn hemm għall-kitba, ma tantx kien hemm triq twila.



Wara li ktibt triloġija, (tliet rumanzi taħt tliet Gran Mastri), għaddejt għal żewġ kotba oħrajn - rumanz ġdid u ġabra ta' poeżiji li dammejthom bil-mod il-mod. Ir-rumanz li qed insemmilkom jismu, 'Glorjana'. Stajt semmejtu, 'San Sebastjan', imma ma ridtx nidher qisni qed nikteb il-ħajja tal-qaddis. Tassew li daħħaltu fir-rumanz u tajtu d-dritta imma daħal ħelu ħelu, minn wara l-kantuniera. 'Glorjana' huwa l-isem ta' belt ġdida. Din kienet il-proposta tal-Onor Pelè. Imma, ma' dan, hemm kurżità oħra: l-Onor Bakku, kelb li kważi ħajtu jgħaddiha fil-parlament. Kif? Aqraw ir-rumanz u tkunu tafu. Majsi ż-żrinġ u Pispiżellu, l-Avukatessa, Mro Susanna Pasqua, Prim Ministru tal-Partit tal-Eremiti u l-Perit Anselm Persiano, il-Kap tal-Partit tal-Furjużi, jissemmew mhux ħażin. L-istorja ssir f'Maltanova. Il-Patrijiet Sebasti, (biex tkunu tafu min jaħbtu dawn, tridu taqraw l-istorja), jibdew jieħdu ħsieb il-knisja l-ġdida li, wara ġlieda ħafifa, iddeċidew li jsemmuha għal San Sebastjan. Imma, wara r-rumanz kollu, hemm id-dar tax-xjuħ, fi Franza, fejn Pelè ddeċieda jgħaddi ħajtu. Hemm ħafna aktar x'wieħed jgħid fuq dar-rumanz imma nieqaf hawn. Ir-rumanz l-ieħor għadu qed jinkiteb.

Kont ili nikteb poeżiji imma, minn xi snin 'l hawn, nibet f'moħħi l-ħsieb li niġbor xi poeżiji li kont ktibt u li qatt ma kienu għadhom ġew ippubblikati. Dawn huma b'ħames lingwi, jiġifieri, bl-Esperanto, bil-Franċiż, bl-Ingliż, bil-Malti kif ukoll bit-Taljan. Ħabbatt ħafna bibien biex nara min jitħajjar jippubblikahom imma, imbierek Alla, kulħadd għalaqli l-bieb f'wiċċi b'ħafna skużi. Insomma, fl-aħħar sibt min jinteressa ruħu tassew fil-kultura u fil-poeżija li aċċetta jippubblikahomli. U hekk hu, *fiat lux*, deher id-dawl. Lid-dar tal-pubblikazzjoni, 'Dom', nirringrazzjaha minn qalbi ta' dan. Il-ġabra semmejtha, 'Poe', għax, għedt f'qalbi, il-kelma li tittraduċi l-kelma Maltija, 'poeżija', f'ilsna diversi tibda dejjem bl-ittri, 'poe': *poezio* (Esperanto) *poésie* (Franċiż) *poetry* (Ingliż) poeżija (Malti) u *Poesia* (Taljan). Kif ġiet, ħabat tajjeb għax, fl-2014, meta deher il-ktieb, konna qed infakkru erba' festi nazzjonali - il-35 anniversarju ta' Jum il-Ħelsien, l-10 anniversarju mid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, il-50 anniversarju tal-Indipendenza u l-40 anniversarju tar-Repubblika. U l-ktieb iddedikajtu għal dawn l-erba' anniversarji. Diffiċli tagħti tema waħda li tiddeskrivi dawn il-poeżiji kollha għax kull poeżija għandha tema għaliha u jien ma kellix il-ħsieb li nimxi skont linja waħda.

Ftit ilu, dehret antoloġija oħra ta' poeżiji tiegħi, ukoll b'ħames lingwi, bl-isem, '*My Latest Poems*'. Dawn il-poeżiji ktibthom fi żminijiet differenti; kultant b'xhur, jekk mhux ukoll bi snin, bogħod minn xulxin. Imma naħseb li, kieku kelli nagħżel xi ħaġa minnhom biex, forsi, nagħti ħarsa-sajjetta fuq il-ktieb kollu, kont nagħżel dawn iż-żewġ poeżiji qosra li huma għal qalbi ħafna. L-ewwel waħda hija din:

*Oh little flame, oh little flame;*
*That little flame at night.*
*That little flame that helped me with its light*
*To write whatever came to mind.*
*Oh little flame!*

U l-oħra hija qasira wkoll imma bil-Malti, jisimha, 'Fjura safra':

Issa lili billi ttini
Fjura safra għall-kuraġġ!
Mhux aħjar l-uġigħ tneħħili
Li kultant ikun selvaġġ?
Ġibha, ġibha l-fjura safra,
Biex tfakkarni li l-Ħolqien
Jilbes daqqa libsa kiebja
Daqqa libsa kollha lwien.

Mhux qed infaħħar, immaqdar jew, b'xi mod, nikkritika l-kitba tiegħi stess. Dak jagħmlu ħaddieħor, mhux jien. Imma, ippermettuli nispiċċa b'żewġ versi mill-poeżija, 'Bidla', minn dan l-istess ktieb. Fiha nikteb li wieħed imqareb (anonimu) staqsa kemm lil moħħu kif ukoll lil qalbu jekk għadhomx f'sikithom. Il-poeżija ttemm b'dawn iż-żewġ versi: 'Mit-tnejn għajjiena karwatlu leħen: Issa x'tistenna minna, ja xiħ!' Smajtha ddoq, Karm?

## University of the Third Age Malta
## Registrations for Academic Year 2019-2020

The University of the Third Age (U3A) will be soon accepting applications from older persons (60 years and over) interested in attending the 2019-2020 academic programme.

Lectures in our seven centres will be held as follows:

- Mondays to Thursdays from 09.00-11.00 at the Floriana U3A Centre, 3rd Floor, Catholic Institute, Floriana.
- Tuesdays and Thursdays from 17.00-19.00 at the Sliema U3A Centre, St. Patrick's School, St. John Bosco Str., Sliema.
- Wednesdays from 09.00-11.00 at the Attard U3A Centre, Centru Parrokkjali, 1st floor, Triq il-Kbira, Attard.
- Wednesdays from 09.00-11.00 at the Birżebbuġa U3A Centre, Birżebbuġa Day Centre, Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa.
- Thursdays from 09.00-11.00 at the Cottonera U3A Centre, Cottonera Resource Centre, 1st floor, San Dwardu Str., Birgu.
- Thursdays from 16.30-18.30 at the Mellieħa U3A Centre, Mellieħa Day Centre, Triq il-Wied, Mellieħa.
- Fridays from 09.00-11.00 at the Gozo U3A Centre, University Campus, Triq L-Imġarr, Ix-Xewkija.

Some of this years' lectures include:

**Floriana U3A centre** (programme starting on Monday 7th October 2019): Botany; Criminology; Public Speaking, Finance: Investments and Bonds; Topics in Psychology.

**Sliema U3A Centre** (programme starting on Tuesday 8th October 2019): Understanding Dementia; Is-Snin tar-Rock n'Roll (1963-1979); Astronomy; L-Inkwiżitur u l-Inkwiżizzjoni f'Malta.

**Attard U3A Centre** (programme starting on Wednesday 9th October 2019): Anthropology; Sixties Music and Popular Culture.

**Birżebbuġa U3A Centre** (programme starting on Wednesday 16th October 2019): Marine Biology; An Introduction to Ornithology.

**Cottonera U3A Centre** (programme starting on Thursday 10th October 2019): Taking Action for Health through Food and Fitness; Il-Mużika u s-Sbuħija tagħha.

**Mellieħa U3A Centre** (programme starting on Thursday 10th October 2019): Kappelli u Knejjes Żgħar; Il-Ħajja Mqallba ta' Vassalli.

**Gozo U3A Centre** (programme starting on Friday 11th October 2019): Kif kienu jitkellmu Għawdex fl-antik; Christianity, Cults and Religions.

The full programme of lectures will be given on registration. Registration details are as follows:

For those applying to attend the Floriana and Sliema U3A centres, kindly apply with Mr Joseph Said at Floriana U3A Centre, Ground floor level, Catholic Institute, Floriana from Monday 16th September 2019 onwards between 9.00 and 12.00 (Monday to Thursday). Alternatively, you can apply at the Sliema U3A centre on the first day of lecture on Tuesday 8th October 2019 and/or on the second day of lecture on Thursday 10th October 2019 before or after your lecture.

For those applying to attend the Cottonera U3A centre, kindly apply with Mr Daniel Pisani at Cottonera U3A Centre, 1st floor, Cottonera Resource Centre, San Dwardu Str., Birgu, from Monday 16th September 2019 onwards between 9am and 11am (Monday to Thursday).

For those applying to attend the Attard, Birżebbuġa or Mellieħa U3A centres, kindly apply with Ms Simone Ellul on the first day of your lecture as follows:

For Attard, kindly apply at Attard U3A Centre, Ċentru Parokkjali, 1st Floor, Triq il-Kbira, Attard on Wednesday 9th October 2019 from 11.00 to 12.00 and on consecutive Wednesdays.

For Birżebbuġa, kindly apply at Birżebbuġa U3A Centre, Birżebbuġa Day Centre, Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa on Wednesday 16th October 2019 from 11.00 to 12.00.

For Mellieħa, kindly apply at Mellieħa U3A Centre, Mellieħa Day Centre, Triq il-Wied, Mellieħa on Thursday 10th October from 18.30 to 19.30.

For those applying to attend the Gozo U3A centre, kindly apply with Ms Sylvana Pisani at the 'Care for the Elderly' (green door), Ground Floor, St Francis Square, Victoria, Gozo, from Monday 16th September 2019 onwards between 9am and 11am (Monday to Thursday).

For more information, kindly visit our website: https://www.um.edu.mt/u3a or our Facebook page: University of the Third Age Malta. You may also call the U3A office on 23403952 or the Floriana U3A centre on 21243202. Kindly note that the Floriana U3A centre will be open from 16th September 2019 onwards between 9.00 and 12.00 (Monday to Thursday).

We look forward to welcoming you at the University of the Third Age.



# TISLIBA Nru.96

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. Fizzjal Kmandant (6)
5. Ħarab (6)
10. Qlajja Tradizzjonali; Ħrafa (3)
12. Isem Bibliku tal-ewwel mexxej tal-Ġens Lhudi (5)
14. Mhux iebes (5)
15. Rota ta' bastiment (4)
16. Nofs l-AUTO (2)
17. Dawn mhux tas-sema (5)
19. Sferra (5)
22. Ilqugħ mix-xita jew mix-xemx (8)
24. La ddumx (3)
25. Makakk – imma bi żball żied l-ittra (R) (6)
28. Ferħ ta' ġenn (5)
31. Mxaħħam (5)
33. Entratura (7)
35. Aktar safi (5)
37 Fama bla omm! (2)
38. Mhux mimsus; Bla ebda nuqqas (6)
39. Lewn (5)

**Weqfin:**
2. Indiġest; Bla ħmira (5)
3. Speranza (4)
4. L-alla falz tal-baħar (7)
6. Trakk dekorat tal-karnival (5)
7. Annullat (6)
8. Ir-raġel tan-nagħġa (6)
9. Paċpaċ (6)
11. Irish Republic Army (1.1.1)
13. Mgħaqqad flimkien ma' (7)
18. Wieħed mis-seba' sagramenti (4)
20. Ghajnejhom Ċassati lejn (xi ħadd) (7)
21. Alex Sciberras Trigona (1.1.1)
23. Xokk min dan jista joqtlok (9)
26. Marius J. .....Dumnikan, Ex-direttur tal-mużewijiet (6)
27. Kesħin (6)
29. Metal radjoattiv (6)
30. Siġar taċ-ċitru (6)
32. Padrun; Min idaħħal il-kera (3)
34. Ħmar qatt ma tela' ma' wieħed minnhom (5)
36. Lura jew lejn il-poppa bl-ingliż (3)

**Premju:** It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 95 intrebħet mis-Sur. J. Scicluna - Kalkara **Prosit!**

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 95**
**Mimdudin:** 1 pariġi, 5 issoda, 10 uno, 12 jarmi, 14 ronda, 15 tuta, 16 si, 17 ismen, 19 invit, 22 alabarda, 24 ivo, 25 orarju, 28 trabi, 31 skola, 33 ġennata, 35 aħsad, 37 va, 38 trabba u 39 kanun.
**Weqfin:** 2 ardit, 3 imur, 4 ironija, 6 sargi, 7 annuna, 8 mattei, 9 pjanata,11 nos, 13 irmedja, 18 stor, 20 virgola, 21 iva, 23 astinenza, 26 uganda, 27 paġell, 29 ibadan, 30 asfalt, 32 ass, 34 aspru u 36 ava.



# L-Anzjani fil-Bibbja

**kitba ta' Anthony Mule' Stagno**
**President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**

**Mosè**



Wara l-Ġenesi, l-ewwel anzjan li niltaqgħu miegħu huwa Mosè. Dan huwa persunaġġ importanti fl-istorja ta' diversi popli u nsibu r-rakkont ta' ħajtu mifrux fuq erba' kotba tal-Bibbja, ibda mill-Eżodu u spiċċa fid-Dewteronomju. Naħseb li ftit hawn nies li ma jafux l-istorja ta' Mosè; kif trabba mit-tifla tal-Farauni, kif ħareġ lill-Iżraeliti mill-jasar tal-Eġittu u l-għaxar kastigi li Alla bagħat fuq l-Eġizzjani sakemm il-Fargħuni ċeda u ħallihom jitilqu. Storja oħra magħrufa sew hi kif Mosè feraq il-baħar biex ikunu jistgħu jgħaddu l-Iżraeliti u, wara, reġa' għalqu fuq l-Eġizzjani.

Dawn l-aħħar żewġ stejjer ġraw meta Mosè kellu tmenin sena mill-mija u għoxrin li għex. Fil-Bibbja, insibu li Mosè kellu dik l-età meta mar l-ewwel darba għand il-Farauni; jiġifieri kien diġà għex żewġ terzi ta' ħajtu u, għalhekk, nistgħu ngħidu li kien diġà anzjan. M'iniex ser indejjaqkom billi nirrepeti stejjer li min jaf kemm-il darba smajtuhom. Imma naħseb li ftit hawn li huma kapaċi jelenkaw il-kastigi kollha li Alla bagħat fuq l-Eġizzjani u, għalhekk, ser nelenka dawk.

L-ewwel wieħed kien meta l-ilma tax-xmara Nil inbidel f'demm u miet il-ħut kollu tant li n-Nil nitnet. It-tieni wieħed kien qtajja ta' żrinġijiet li ksew l-Eġittu minn tarf sa tarf. It-tielet kien tan-nemus li, anki dawn, ksew l-Eġittu kollu. Ir-raba' kastig kien tad-dubbien li invadew l-art tal-Eġittu mid-djar tal-ifqar nies sal-palazz tal-Fargħuni. Il-ħames kastig kien ta' pesta fuq l-annimali kollha tal-Eġizzjani. Is-sitta kien jikkonsisti fi dbabar fuq l-Eġizzjani kollha; kemm nies kif ukoll bhejjem. Is-seba' kien xita ta' silġ tant qalila li, kull min inqabad fiha, tilef ħajtu. It-tmien wieħed kien tal-ġurati li ksew l-art u kielu l-ħaxix kollu li kien fadal wara is-silġ. Id-disa' kastig kien il-famużi tlett ijiem tad-dlam fuq l-Eġittu. U, l-aħħar wieħed, kien il-mewt tal-iben il-kbir tal-Eġizzjani kollha, minn dak tal-Fargħuni sal-aħħar serv u, saħansitra, tal-bhejjem tagħhom ukoll.



Naħseb li kulħadd jaf l-istorja ta' kif Mosè rċieva t-twavel tal-Liġi, (il-Kmandamenti), mingħand Alla imma, forsi, ftit jafu li dawn irċevihom darbtejn. Alla kien avżah li l-Iżraeliti kienu abbandunawh biex jaduraw għoġol tad-deheb għax ħasbu li Mosè kien miet wara li stennewh erbgħin jum u baqa' ma tfaċċax. Qallu li ser jeqridhom biex jagħmel poplu ġdid minnu imma Mosè talab għall-poplu u Alla sema' minnu. Imma, meta Mosè ra b'għajnejh kif niesu kienu ntilfu fit-tbaħrid għal alla ġdid tagħhom, tant irrabja li kisser it-twavel tal-liġi fuq l-għoġol tad-deheb u, wara li ġabar madwaru lil dawk li nidmu, qalilhom li Alla mhux ser jimxi magħhom iktar imma ser jibgħat anġlu minn tiegħu biex imexxihom hu.

Mosè talab lil Alla biex jerġa' jmexxihom hu għax il-poplu kien nidem u Alla qallu biex jerġa' jfassal żewġ twavel tal-ġebel oħra u jmur waħdu bihom fuq il-muntanja Sinai jistennieh. Mosè għamel kif qallu l-Mulej, Alla tah il-liġijiet mill-ġdid u, wara erbgħin jum, Mosè niżel bit-twavel f'idu. Wiċċu kien jiddi bid-dawl tad-dehra t'Alla u n-nies għall-ewwel beżgħu minnu. Għalhekk, huwa beda jgħatti wiċċu b'velu ħlief meta jkun quddiem Alla. Wara dan, l-Iżraeliti għamlu l-Arka tal-Patt kif kien ordnalhom Alla u qiegħdu t-twavel tal-liġi ġo fiha.

Mosè forsi huwa magħruf l-aktar bħala l-bniedem li ħareġ lill-Iżraeliti mill-Eġittu u mexxihom għal erbgħin sena sħaħ fid-deżert sa ma wassalhom fl-art imwiegħda. Imma dan il-Patrijarka kien ukoll gwerrier kbir. Fl-Iskrittura Mqaddsa nsibu li huwa ġġieled ma' bosta popli oħrajn u, bl-għajnuna t'Alla, dejjem rebaħ. Mosè kien ukoll leġislatur. Huwa ta lill-Iżraeliti l-liġijiet kollha. Mhux il-Kmandamenti t'Alla biss imma anki bosta liġijiet li nsibu mniżżlin fil-Bibbja. Forsi Mosè kien ukoll lewwel bniedem li fforma gvern għall-poplu tiegħu, meta għażel sebgħin minn fost l-anzjani ta' Iżrael biex jgħinuh fit-tmexxija, u ħatar kapijiet għal kull għaxra, għal kull mija u għal kull elf ruħ tat-tnax-il tribu ta' Iżrael.

Ħaġa li ftit nies jafu hija li, wara li wassal lill-poplu tiegħu sal-Art Imwiegħda, ma kienx Mosè li daħħalhom fiha għax hu kellu kastig minn Alla talli ddubita fih u ta aktar minn daqqa waħda fuq il-blata biex joħroġ l-ilma. Imma Alla tellgħu fuq muntanja u wrieh l-art li kienu ser jieħdu l-Iżraeliti. Imbagħad, ta' mija u għoxrin sena, Mosè għalaq għajnejh għall-aħħar darba u straħ.

# KLIEM IX-XIH...

Dan l-aħħar ġie f'ideja ktieb fuq l-anzjanità attiva li tant għoġobni li ma flaħtx ma naqsamx ħsibijieti dwaru magħkom.

Dan il-ktieb jikkonsisti fi 72 esperjenza ta' persuni, 36 nisa u 36 irġiel, dwar l-anzjanità attiva. Dawn il-persuni ġejjin minn oqsma varji tal-ħajja; minn atturi u għalliema sa ħaddiema u professjonisti, kollha jirrakkuntaw x'għamlu b'ħajjithom wara li rtiraw.

Dawn it-72 artiklu kienu dehru fil-"Leħen", il-gazzetta tal-Azzjoni Kattolika Maltija, u issa ġew miġbura fi ktieb u ppublikati mis-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika Maltija.

Nirrakkomanda lil kull anzjan jew min wasal biex isir anzjan li jakkwistah u jaqrah, għax fih minjiera ta' esperjenzi kif tista' żżomm ruħek attiv.

Il-ktieb "Anzjani Attivi Maltin u Għawdxin"; koordinazzjoni u ġbir tal-artikli tas-Sur Tony Mifsud, jista jiġi akkwistat mill-Istitut Kattoliku l-Furjana jew mill-Catholic Book Centre fil-pjazza ta' Raħal Ġdid għal donazzjoni ta' €10. Niżgurakom li ma jiddispjaċikomx.




